ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Mejju, 2025

Talba Nru: CCT46/2025/DS

Hector Spiteri u Erika Spiteri

Vs

Joinwell Limited / Joinwell FXB

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata sostituzzjoni jew riżarċiment għal rails jew racks ta' diswasher kif ukoll kumpens għal ħsarat ta' fridge freezer ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-affidavits preżentati li kienu jiffurmaw it-totalita tal-provi tal-atturi.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonfermaw il-punti essenzjali tat-talba tagħhom, bl-informazzjoni illi niżlu fiha;

Illi l-fatti in sucċint huma s-segwenti. Il-partijiet xtraw appliances u cioe dishwasher u fridge freezer mingħand is-soċjeta' intimata illi, fejn jirrigwarda d-dishwasher, ħarġilha s-sadid fir-racks u l-fridge/ freeżer beda jiddeterjora l-casing tal-plastic ta' ġewwa tagħha.

Illi huma allegaw illi dawn il-prodotti huma koperti b'garanzija kummerċjali ta' ħames snin.

Ikkunsidra:

Illi l-kawża hija mibnija fuq il-premessa illi l-prodotti mertu tal-kawża huma koperti b'garanzija ta' ħames snin illi pero' tali garanzija ma ġietx prodotta bħala prova għalkemm inġiebet prova illi l-ammont taż-żmien li tkopri l-garanzija huwa ta' ħames snin (Dok C mar-rikors promutur) peress illi d-dokument imsemmi huwa merament 'Guarantee/ Waranty Start Form'. Il-garanzija nnifisha ma ġietx preżentata w'għaldaqstant dan it-Tribunal mhux f'pużizzjoni illi jivverifika l-kontenut ta' dak id-dokument b'dana illi m'huwiex possibbli jiġi vverifikat l-akkordju li kien hemm dwar l-istess garanzija mill-partijiet. Din il-prova kienet tinkombi fuq l-atturi li għaldaqstant naqsu milli jippruvaw il-każ tagħhom minħabba nuqqas ta' provi.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-atturi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provawx il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-atturi.

Bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru